MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KEVIN MOMPALAO**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 6/2012

Marisa Attard

Vs.

Annabelle Moureal u b’digriet tat-22 ta’ Marzu 2012 l-kunjom Moureal qed jigi sostitwit b’Monreal, u Anthony Cassar f’isimhom propju u ghan nom ta’ Townhouse Limited.

It-Tribunal;

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attrici tablet illi tithallas minghand il-konvenuti is-somma ta’ tlett elef mitejn tmienja u hamsin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€3258.94), dovuti kwantu ghal elf tlett mija u disghin Ewro u centezmu (€1390.01) bhala hlas ta’ sighat ta’ xoghol u overtime li ghamlet f’Cassar Townhouse u kwantu ghas-somma ta’ elf tmien mija tlieta u sittin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€1863.93) bhala hlas ta’ sighat

ta’ xoghol  overtime u beneficcju li ghamlet fil-Pasticceria Dei Gusti Pasticceria Siciliana. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u ta’ l-ittra ufficcjali 55/2012 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti.

Ra id-digriet tieghu tad-29 ta’ Frar 2012, li permezz tieghu fost affarijiet ohra appunta din il-kawza ghat-22 ta’ Marzu 2012.

Ra illi minkejja li l-konvenuti kollha kienu notifikati bl-avviz tat-talba u dak tas-smigh (riferta tergo fol.1) huma baqghu ma prezentawx risposta fi zmien li trid il-ligi u l-anqas deheru personalment biex jikkontestaw it-talbiet attrici

Ra d-dokumenti kollha esebiti minn l-attrici u x-xhieda

Sema’ ix-xhieda mressqa minn l-attrici;

Ra d-digriet tieghu tat-22 ta’ Marzu 2012 li bih ordna l-korrezzjoni ta’ zball fil-kunjom tal-konvenuta.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni fejn it-talba giet mnaqqsa b’hames mitt Ewro (€500), pagament li sar fil-mori ta’ dawn il-proceduri.

Ra d-digriet tieghu tat-18 ta’ April 2012 li permezz tieghu din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkonsidra:-

Illi l-konvenuti f’din il-kawza baqghu kontumaci meta ma rrispondewx il-kawza bil-miktub u l-anqas deheru fis-seduta biex joffru kontestazzjoni ghat-talbiet attrici.

Illi l-attrici kienet tadem mal-konvenuti. Dan jinsab konfermat kemm minn dak li xehedet l-attrici kuf ukoll mid-dokumenti esebiti mir-rapprezentant ta’ l-Employment and Training Corporation. Jirrizulta fil-fatt illi l-attrici kienet tahdem kemm ma’ Townhouse Limited kif ukoll ma’ Pasticceria Dei Gusti. Peres illi Pasticceria Dei Gusti ma hijiex xi kumpanija jew altrimenti persuna b’personalita

guridika, izda jidher illi dan huwa biss isem tan-negozju, it-Tribunal hass illi kellu jerga' jitlob lil attrici terga tixhed sabiex tikkonferma min kien jiggestixxi dan in-negozju. Fis-seduta tat-18 ta' April 2012 l-attrici kkonfermat illi l-persuni illi kienu jiggestixxu din l-azjenda kienu Anton Cassar u Annabelle Monreal.

It-Tribunal ha ukoll konjizzjoni tax-xhieda ta' Anthony Zammit r-rapprezentant tal-Labour Office illi gharaf ir-rendikont esebit a fol 12 tal-process bhala miktubin minnu fuq talba ta' l-attrici.

Fil-kontumacja tal-konvenuti u peress illi t-talba attrici tidher gustifikata fic-cirkostanzi t-Tribunal ihoss illi ghandu jakkolji l-istess talba attrici.

Dwar l-ammont li jrid jigi ridott jirrizulta illi dan gie mhallas minn Annabelle Monreal u ghalhekk dan ser jitnaqqas mill-parti dovuti minnha u minn Anton Cassar solidament.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' it-talbiet attrici; jikkundanna lill-konvenuti Annabelle Monreal u Anthony Cassar flimkien u in solidum bejniethom ihallsu lil attrici is-somma ta' elf tlett mija tlieta u sittin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€ 1363.93); u lill-kumpanija Townhouse Limited thallas lil attrici s-somma ta' elf tlett mija u disghin Ewro u centezmu (€1390.01). Bl-imghax dekorribbli mid-data tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) (data ta' l-ittra ufficcjali spedita). L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali msemmija fl-avviz, jithallsu kwantu ghal 3/5 mill-konvenuti Annabelle Monreal u Anton Cassar u 2/5 mill-kumpanija Townhouse Limited.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------